MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Numru 175/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**ANTON VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON VASSALLO** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Carmelo u Rosemarie nee Pullcino, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1978 u joqghod St. Joseph House, Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 495978M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur ikkommetta diversi serq, liema atti gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

a. Mill-klabb tal-Waterpolo f'Wied il-Ghajn fis-sajf tal-1999 bil-lejl kkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess klabb, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

b. Talli mill-hanut bl-isem Joswill Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn fil-lejl ta' bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' Lulju, 2000 flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, xorb alkoholiku u Hi Fi equipment li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Carmelo Buttigieg, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

c. Talli mill-hanut bl-isem Knights Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn fil-lejl ta'bejn l-erbgha w l-hamsa ta' April, 2000 flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb alkoholiku u Hi Fi equipment li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Grima, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

d. Talli mill-hanut bl-isem Knights Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn f'Awissu bil-lejl flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb alkoholiku u Hi Fi equipment li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Grima, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

e. Talli fi tlett xhur ta' qabel l-ghoxrin ta' Awissu, 2000 mill-garaxx bl-isem Tal Grazzja li hu sitwat f'Hal Far, flimkien ma persuna ohra kkommetta video recorder u monitor li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

f. Talli f'Malta f'dawn l-ahhar xhur xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema

oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

g. Talli fl-istess zminijiet, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara voluntarja fl-imsemmija stabbilimenti liema hsara tiskorri s-somma ta' hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom; u

h. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Illi nhar t-tmintax ta' Dicembru 2001, din il-Qorti b'sentenza taghha fl-ismijiet premessi kienet sabet lil imputat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu w ikkundannatu jhallas multa ta' hamses mitt lira maltin w ordnat li l-ordni moghtija fis-sentenza tal-ewwel ta' Frar 2000, fejn inghata piena karcerarja ta' sentejn u li kienet sospiza ghal sentejn tigi estiza ghal perjodu ta' erbgha snin mid-data tas-sentenza u li b'hekk ma tigix resa operattiva w ordnat wkoll li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg.

Illi b'rikors ppresentat mill-Probation Officer Carmen Borg nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2002, hi talbet li tigi sostitwita ghaliex tghix proprju vicin l-imputat u ghalhekk hassitha skomda li tibda bl-inkarigu moghti lilha u ghalhekk b'digriet tal-Qorti tas-sebgha ta' Frar 2002, din il-Probation Officer giet sostitwita bl-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 2002, l-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon ippresentat fir-Registru ta' din il-Qorti nota fejn infurmat lil istess Qorti li l-probationer Anton Vassallo ma kienx qed jzomm ruhu f'kuntatt ma l-Ufficjal tal-Probation skond d-direttivi moghtija lilu.

Illi ghalhekk, b'digriet taghha tal-erbgha w ghoxrin ta' April 2002, din il-Qorti ordnat notifika ta' dan l-att lil imputat u appuntatu ghas-smiegh ghal nhar l-erbgha ta' Mejju 2002.

Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2002, xehdet Marietta Lanzon u spjiegat li l-imputat ma baqax f'kuntatt maghha wara Frar 2002 u anke naqas li jzomm kuntatt mal-Caritas nonostante l-interview maghhom.

Nhar l-hdax ta' Novembru 2002 xehed wkoll l-ex Spettur David Saliba li kkonferma li l-imputat kien telaq minn Malta ghal xi perjodu ta' bejn xahrejn u mar l-Awstralja. Qal wkoll li l-imputat qallu li ma kienx jaf li kellu jzomm kuntatt mal-Probation Officer u li kien taht l-impressjoni li galadarba spicca l-kaz, ma kellux ghalfejn la javza lil Pulizija u lanqas lil Ufficjal tal-Probation li kien ser jsiefer u li kien ghalhekk li ma kienx zamm aktar kuntatt.

Illi fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru 2004 l-imputat probationer irregistra ammissjoni ghal fatt li ma zammx kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation u li kien kiser l-kundizzjoni moghtija fl-ordni tal-probation li kellu jzomm kuntatt regolari mal-Ufficjali.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz in ezami ma hux kontestat li fil-fatt l-imputat probationer kiser l-ordni tal-probation fuq imsemmija b'nuqqas ta' ko-operazzjoni mal-Probation Officer tieghu u rrifjuta li jobdi d-direttivi u l-ordnijiet taghha. L-imputat probationer wera reluttanza kbira kemm qabel ma saret d-denunzja, kif wkoll fil-mori tat-trattazzjoni tad-denunzja li saret kontra tieghu mill-Probation Officer u din il-Qorti tinnota wkoll li l-imputat probationer dam zmien twil biex jirregistra ammissjoni ghal tali nuqqas, liema dewmien inutili jikkreja frustrazzjoni lil din il-Qorti.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation u jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju*

*ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … jew tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tat-tmintax ta' Dicembru 2001 kienet apparti li poggiet lil imputat taht probation, ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qiset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet wkoll ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin. Jigifieri f'dan il-kaz din il-Qorti kienet gia ttratta mal-hati billi kkundannatu ghal multa.

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer ANTON VASSALLO ma tistax terga taghti kundanna ohra ghal istess reati oltre dik li kienet gia tat fl-ewwel sentenza taghha u l-unika triq li hija miftuha ghaliha hi dik li timponi kundanna ta' hlas ta' amenda ta' hamsin lira maltin bhala kastig ghal ksur ta' ordni ta' probation *ut sic* imma mhux ser izzid fuq il-kundanna li nghatat bis-sentenza fuq citata.**

**Peress li l-imputat probationer llum jinsab ghaddej programm ra' rihabilitazzjoni, il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat probationer ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jhallas l-amenda inflitta f'zewg rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira kull wiehed b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Novembru 2004.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------